KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 44 — Tnejn 19 ta' Ġunju 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis- 7:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Alex Muscat – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Maria Pia Bonnici- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar – Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

### 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġiji u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera, li dan ix-xahar jmiss li tintbagħat ir-rassenja tal-attendenza tal-Kunsilliera. Il-Kunsilliera ġew infurmati li Rachel Tua

m'attendietx biżżejjed laqgħat kif inhu stipulat bil-liġi, u għalhekk il-kunsill għandu l'obbligu li jinforma d-dipartiment u 'l Ministeru.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Alex Muscat informa lil Kunsill li f'għeluq il-laqgħa ħa jippreżenta r-riżenja tiegħu, u li din kienet se tkun l'aħħar laqgħa uffiċjali tiegħu peress li ħa jieħu 'l ġurament bħala Membru Parlamentari, fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku Ivan Bartolo rringrazzja lis-Sur Alex Muscat tas-sehem tiegħu lejn il-komunita' tal-Mosta.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 42 u 43**

**42.3.1** Il-Kunsillier Alex Muscat, staqsa jekk il-laqgħa saritx mas-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awwissu. Is-Sindku Ivan Bartolo kkonferma li din għada ma saritx, u 'l-Kunsill ħa jibgħat ittra lis-soċjeta biex niltaqaw magħhom.

Il-minuti ġew approvati.

- **Sospensjoni tal-minuti biex ssir *presentation* mis-Sur Andrew Warrington – *item* 44.3.16 tal-minuti.**

**44.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**44.3.1 Korrispondenza -Ittra lid direttur tal land registry re zvilupp f'Santa Margerita**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li flimkien mal-kunsilliera Mark Micallef Costa u Frans Deguara ltaqaw mar-residenti flimkien ma l'avukat, fejn intbagħtet ittra lid-direttur tal-Land Registry, lil Prim Ministru, 'u Kap ta' Oppożizjoni dwar l'iżvilupp ta' Santa Margerita. Il-Kunsilliera Angele Rapa, Karl Tanti u Alex Muscat infurmaw li l'ittra li ntalbet lil Land Registry suppost intbagħtet lil Lands Department. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li l'ittri ntbagħtu mil-Avukat u għalhekk ħa jiġi notifikat biex jerġa jibgħat l'ittra.

Il-Kunsillier Mark Micallef Costa, għandu jibgħat il-minuti tal-laqgħa li saret lil Kunsilliera.

**44.3.2 Korrispondenza – Submission of Tenders : Tender for Street Sweeping and Cleaning.**

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lil Kunsilliera jekk kellhomx xi *feedback* x'jagħtu, fuq il-kopja tat-*tender* li ntbagħtilhom bl'*email.*

Il-Kunsilliera qablu li li jiżdiedu dawn il-klawsoli li ġejjin;

- L'Kumpanija li tirbaħ it-tender għanda jkolla *street sweeping machine.*
- Xogħlijiet li jintalbu mil-Kunsill, jridu jsiru fi żmien 24 siegħa.

- Toroq li huma mniżlin li jinkinsu darba f'ġimgħa, jsiru darbtejn f'ġimgħa.
- Toroq li jinkinsu kuljum għandhom jinkinsu wkoll il-Ħadd.
- *Bins* għandhom jitnadfu 'l Ħadd wkoll.
- Jsir ħasil ta' *bins* u bankijiet.
- Jiżdiedu 'l *bins*, mod speċjalment fil-pjazza.
- L'impjegati jridu jkunu *full-time* kenniesa fil-Mosta, mhux sempliċiment reġistrati *full-time*.
- Dikjarazjoni mingħand il-kuntrattur li qadt ma ngħata *default notice* fi żmien 36 xahar.

Kif it-tender jiġi *updated,* jerġa jintbagħat b'*email* lil Kunsilliera, biex jiġi approvat.

### 44.3.3 Korrispondenza – Submission of Tenders : Tender for the Construction of Footpaths and Culverts

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lil Kunsilliera jekk kellhomx xi *feedback* x'jagħtu, fuq il-kopja tat-*tender* li ntbagħtilhom bl'*email.*

Tender ġie approvat biex jiġi ppublikat.

### 44.3.4 Korrispondenza – Submission of Tenders : Tender for the Bulky Refuse

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lil Kunsilliera jekk kellhomx xi *feedback* x'jagħtu, fuq il-kopja tat-*tender* li ntbagħtilhom bl'*email.*

Tender ġie approvat biex jiġi ppublikat.

### 44.3.5 Korrispondenza – Proposta re: bandli tal-Ġnien Reggie Cilia

Is-Sindku qara' l'ittra tas-Sur Rhian Galea, fejn fil-bandli ta' wara 'l knisja m'hemx *baby swings.* Il-Viċi Sindku Keith Cassar, informa li hemm waħda imma krakjata, u iktar milli ssir *baby swing*, iktar għandna naraw is-*safety* tal-bandli fejn hemm arblu tad-dawl imkisser u hemm ċans li jaqa'.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera, li l'arblu tad-dawl ġie ordnat, u li Philip irranġaħ temporanjament sakemm jasal l'arblu 'l ġdid.

### 44.3.6 Korrispondenza – Un/Loading Bay Triq il-Kostituzzjoni

Il-Kunsilliera qablu li peress li diġa hemm tnejn, flok napplikaw għal *Un/Loading Bay* oħra, jersqu it-tnejn li diġa hemm. Ta' quddiem is-Sofra kebab tibqa hemm, u dik li hemm iktar il-fuq, tersaq.

Fuq l'istess tema, il-Kunsillier Alex Muscat qal li Triq il-Kbira hemm xi tlieta, min fejn is-City Bar għal pjazza. Il-proċeduri ta' Transport Malta huma li *Un/Loading Bays* jista jkun hemm waħda bejn sitt ħwienet. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekja ma' Philip biex, jekk hemm waħda żejda peress li kien għalaq ħanut, tinbidel f'*parking bay.*

## 44.3.7 Korrispondenza – Bee Apiary MOU

Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l'*agreement* sar mil-avukat, u ħa tintbagħat kopja lil Kunsilliera.

- F'dan il-ħin 8:53pm, Il-kunsillier Joe Gatt talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

## 44.3.8 Korrispondenza – One Way lir Residenti ta' Trejqet il-bajtar

Il-Kunsilliera qablu li ssir laqgħa mar-residenti biex jissuġerixxu liema direzjoni jridu 'l *one way*, u biex tintbagħat ittra lir-residenti ta' madwar Trejqet il-Bajtar wkoll.

## 44.3.9 Korrispondenza – PA 00977/17- Upgrading of the Primary Water Network

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li attendiet għal din il-laqgħa, u li 'l Primary Water Network ħa tkun għadejja mil-konfini tal-Mosta, u 'l proġett m'għandux jkun ta' inkonvenjent għat-traffiku, għax mhux ħa jkun għaddej mil-qalba tal-Mosta.

## 44.3.10 Korrispondenza – Robotica Nation Course

Il-Kunsilliera qablu li dan il-*course* jkompli għaddej bħas-sena ta' qabel.

## 44.3.11 Korrispondenza – Ilmenti re Kuntrattur ta WM Environmental Ltd

Il-Kunsillera qablu li 'xogħol mhux qed jsir frekwenti kif suppost u li 'l Kunsill qed jirċievi ħafna u ħafna lmenti mir-residenti, tal-ħmieġ li hawn fil-Mosta, *bins* mfawwra li jdumu ma jitnaddfu, toroq li ma jinkinsux skond l'iskeda, ħaxix li jdum ħafna ma jinqata, nuqqas ta' fjuri, etċ etċ. Il-kuntrattur Wilson ġie mwissi kemm il-darba imma kollu għalxejn. Għalhekk importanti biex jinħareġ it-tender malajr, wara li jiġi approvat mil-Kunsill.

## 44.3.12 Korrispondenza – Talba għal zieda minn Skala 13 Notch 2 titla għal Skala 13 Notch 3

Il-Kunsilliera approvaw *notch* ta' żieda fl'iskala ta' l'impjegata Liliana Borg.

## 44.3.13 Korrispondenza – Objection to development application PA 04240/17

Is-Sindku Ivan Bartolo spjega l'ittra li bagħat Dr. Sandro Vella li joqgħod Triq il-Bronż *corner* ma Triq l-Għadajjar, fejn ħa tinbena blokka ta' sitt sulari li jinkludi l-*basement* b'kollox. Il-Viċi Sindku Keith Cassar u 'l Kunsillier Alex Muscat qalu li skont il-*local plan* mil-Planning Authority u m'hemm xejn li mhux konformi mar-regoli tal-ippjanar. Il-Kunsillier Alex Muscat qal li per prinċipju, fl'opinjoni tiegħu, u kif dejjem mexa 'l kunsill fil-passat, sakemm il-permessi huma fil-parametri tal-*height limitations* u tal-*policies* tal-Planning Authority, sakemm ma tkunx *border* bħal kwistjoni ta' Santa Margerita wara 'l pjazza, allaħares noqgħodu noġġezjonaw għal kull żvillup li jkun hawn il-Mosta.

Il-Kunsilliera qablu li nikkonfermaw mal-Perit li l'applikazjoni hija *within the local plan.*

### 44.3.14 Korrispondenza – Triq il-Lunzjata ħmieġ , ħaxix ħażin

Is-Sindku Ivan Bartolo qara' l'ittra tas-Sur Matthew Borg, li lmenta li hemm bżonn jiżdiedu l'ammont ta' kenniesa li jnaddfu wara 'l monti, peress li 'l kenniesa qed jikinsu nofs triq u jħallu mandra għad-detriment tar-residenti.

Il-Kunsill qabel, biex ninfurmaw lil kuntrattur Wilson, ħalli javża lil kenniesa tiegħu.

### 44.3.15 Korrispondenza – Setting up an ATM at St Margherita

Il-Kunsillier Mark Micallef Costa, talab biex il-kunsill jagħmel appuntamenti ma l'HSBC u 'l BOV, biex naraw tistax ssir ATM fin-naħa ta' fuq fl'inħawi ta' Santa Margerita, peress li fil-Mosta l'unika ATM's li hawn huma fil-pjazza, u oħra fin-naħa t'isfel fejn il-PAMA.

### 44.3.16 Korrispondenza – Adventurous activities at Mosta Bridge

Is-Sur Andrew Warrington għamel preżentazzjoni fuq l'attivitajiet li 'l-kumpanija McAdventure t'offri. Is-Sur Warrington talab lil Kunsill biex il-kumpanijja tingħata permess jitwaħlu affarijiet mal-pont tal-Mosta li jagħti fuq wied il-Għasel, biex jsiru attivitajiet sportivi, għat-tfal. Dawn huma *platform* li tkun tingħalaq u tissakkar, *zip line* li din ma tibqax mwaħħla fissa, *hand holds* li jintużaw għal *rock climbing* etċ etċ.

Il-Kunsill qabel ma din l'iniżjattiva sakemm ma jkunx hemm esklusivita' lil-kumpanija McAdventure. Il-Kunsill talab biex is-Sur Warrington jibgħat *proposal,* qabel mal-kunsill jieħu deċizjoni finali.

### 44.3.17 Korrispondenza – Quotes for extension of front desk

Il-kunsilliera qablu li tinħareġ *Public Quote with right of refusal,* peress li 'l *quotes* li ġibna jaqbżu l'2000 Ewro.

### 44.3.18 Korrispondenza – AC063/13 - Pavement in Constitution Street, Mosta

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li rċevejna ittra mis-CRPD, fejn il-bankina quddiem Sound Smart fi Triq il-Kostituzzjoni hija inqas min 1.2 metri.

Il-Kunsilliera qablu li tintbagħat *no objection,* u ssir applikazjoni ma Transport Malta peress li triq hija arterjali u taqa' taħt Transport Malta.

### 44.3.19 Korrispondenza – Mosta ground PA 2495/12 Appeal

Is-Sindku Ivan Bartolo qara' l-ittra, fejn ir-residenti talbu biex il-kunsill jgħin finanzjarjament fl'ispejjes amministrativi tal-appelli, li ammontaw għal' 612 Ewro, li qed jagħmlu mal-Planning Authority, peres li huma pensjonanti.

Il-Kunsilliera m'approvawx din it-talba, peress li b'hekk jkun qed jinħoloq preċedent. Aparti min hekk il-kunsill jkun qed jmur kontra 'liġi peress li ma jistax jagħti donazjonijiet.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

44.4.1 Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa f'hiex waslet it-talba ta' *timed parking* ma Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li *timed parking/residential parking* għalissa mhux qed jiġi awtorizzat li jsir min Transport Malta f'kull raħal, mhux fil-Mosta biss.

Il-Kunsillier Alex Muscat saqsa f'hiex waslet it-talba ta' *bus bay, disabled parking bay* u tlett *parking bays* bil-ħin fi Triq Kostituzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Transport Malta kienu qed jistennew il *go ahead* mil OPM, u is-Sur Muscat ikkonferma li din kienet saret. Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tiċċekja dwar dan peress li għalkemm dawn jridu jsiru min Transport Malta, hemm l'*issue* fuq Ta' Marija Restaurant li kellu jirranġa t-triq qabel ma ssir iż-żebgħa.

44.4.2 Il-Viċi Sindku Keith Cassar talab lil kunsill biex bħalma ilu jsir għal dawn l'aħħar 23 sena, jippartecipa billi jikkontribwixxi fl'ispiża tal-*fire engine* sabiex jinħaraq in-nar ta' l'ajru. Din ħa tiġi finanzjata mid-dħul tal-gabbani fejn nofs l'ammont li 'l Kunsill jdaħħal jmur għal din l'ispiża, u nofs l'ieħor jmur għal l'ispiża ta' Jum il-Mosta.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsilliera li dan jrid jkun avveniment tal-kunsill, peress li ma nistawx nagħtu donazjonijiet. Il-Kunsilliera approvaw il-kontribuzjoni għal *fire engines* peress din saret fil-passat u li din ssir wkoll min kunsilli oħra fil-festi tagħhom.

## 44.5 Rapporti

Ma kienx hemm rapporti.

## 44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 44.6.1 Skeda ta' pagamenti
Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

### 44.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 44.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 44.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

F'dan il-ħin wara li tlestew u inqraw l'*items* kollha fuq l'aġenda, il-Kunsillier Alex Muscat irringrazzja lil Kunsill tal-fjuri għal funeral tan-nannu tiegħu, rringrazzja lil kunsilliera tal-kollaborazjoni tagħhom f'din is-seba leġislatura li kien parti minnha, u ta' r-riżenja tiegħu, fejn issa ħa jservi bħala membru parlamentari.

## 44.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 p.m. u ġiet aġġornata għal- 10 ta' Lulju fis-7.30 p.m.

Konfermati llum 19.06.2017.

| | |
|---|---|
| Ivan Bartolo | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |